# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.3

**Kap 8: Meta nkunu flimkien inkunu ferħanin**

**Lezzjoni 8.3: Inħares ftit 'il bogħod minni**

**L-Għanijiet:**

Sal-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser:

1. jitgħallmu xi tfisser li turi apprezzament b'eżempji konkreti.
2. japprezzaw dak li għandhom b'mod partikolari l-affarijiet li ma jinxtrawx bil-flus iżda huma affarijiet li s-soltu ma nagħtux kas.
3. iħossuhom kuntenti u ffortunati għal dak kollu li għandhom.
4. jiftakru f'dawk li qed ibatu u kif nista' ngħin.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpojnt 8.3 - Napprezzaw dak kollu li għandna
- Karti ta' taħriġ 8.3.
- Video - Toystore
- Video/Diska 'Grazzi'.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi video lit-tfal dwar tlett itfal li jiġu offruti żewġ minuti biex jagħżlu dak li jridu minn ħanut tal-ġugarelli li ser jieħdu magħhom id-dar. Wara li jagħmlu dan, it-tfal tal-istorja ser juruna kemm huma kuntenti b'dak li ġabu u ser jidher illi hija t-tifla li kellha oġġett wieħed biss li kienet l-aktar kuntenti.
- Iddiskutu mat-tfal għaliex jaħsbu li ġara hekk: Noħorġu l-punt illi li jgħodd mhux x'għandna u kemm għandna, imma kemm aħna kapaċi nifirħu b'dak li għandna u naprezzawh.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Oħloq diskussjoni dwar il-Powerpoint – sabiex it-tfal japprezzaw u jħossuhom iffortunati b'dak li għandhom.
2. Uri *Stampa 1: Staqsi u ddiskutu:* X'għandhom nieqes dawn it-tfal? Kieku intom kif tħossukom? Jidhru inkwetati....
   Niddiskutu kemm aħna għandna napprezzaw li aħna għandna x'nieklu.
3. Oħloq diskussjoni dwar *Stampa 2: Staqsi u ddiskutu:* Dan ir-raġel x'jidher li għandu ħafna? Allura għaliex m'huwiex kuntent?
4. Iddiskuti *Stampa 3 : Staqsi u ddiskutu:*
   - Foqra jew sinjuri? Għandhom ħafna ġugarelli?
   - Kif taħsbu li qed iħossuhom?
   - Għaliex kuntenti la bilkemm għandhom ġugarelli? Laqwa li qed jilagħbu flimkien.
5. *Stampa 4: Staqsi u ddiskutu:*
   X'qed tagħmel din il-mara? Kif taħsbu li ħassitha wara? Aħna nistgħu nagħmlu l-istess u naqsmu xi affarijiet milli għandna?

6. *Stampa 5: Staqsi u ddiskutu:* Kemm aħna ffortunati li għandna min iħobbna u min iridilna l-ġid minflok iħalluna nagħmlu li rridu u nitbiegħdu minn Alla?

7. *Stampa 6: Staqsi u ddiskutu:* Napprezzaw dak li ħalaq fina Alla.

8. *Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet – 8.3 u wara li taqra s-silta mogħtija,* iddiskutu Attività 1 u allura l-istampi li għandna.

9. *Iddiskuti l-aħħar Attività u asal għall-punt  ta' kemm hu importanti li nifhmu kemm hu importanti li nitgħallmu ħalli nikbru fl-għaqal.*

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. L-iktar affarijiet importanti f'ħajjitna huma b'xejn.
2. Li jgħodd mhux kemm għadna affarijiet imma kemm aħna kapaċi napprezzaw dak li għandna.
3. Alla jaħseb f'kulħadd u kulħadd għandu xi ħaġa biex jifraħ.
4. Nagħtu kas ta' dak li qed jiġri madwarna .
5. Naraw kif nistgħu ngħinu lil dawk li narawhom ibatu.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




- It-tfal juru apprezzament lejn dak kollu li għandhom. Jaraw lil min  jistgħu jgħinu.
- It-tfal jirnexxilhom jagħmlu dan billi jħarsu aktar lejn il-pożittiv tal-ħajja f'sitwazzjonijiet differenti li jiltaqgħu magħhom ta' kuljum.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Iftaħ il-video 'Grazzi' fejn it-tfal ser ikunu jistgħu ikantaw mad-diska popolari 'Grazzi'. Wara l-video staqsi lit-tfal ta' xiex irringrazzjajnieh lil Alla f'din id-diska.



## Nitolbu

Mulej, grazzi ta' kull ġurnata li tatina. Grazzi tal-familja, tal-ħbieb u talli int dejjem tismagħni. Mulej aħfirli ta' kull meta ngerger u nħares biss lejn l-ħażin. Għinni napprezza aktar dak kollu li għandi ħalli nħossni kuntenta bl-affarijiet sbieħ li jiġru madwari kuljum.

